# L-Ewwel Patrijiet Karmelitani f'Malta

Mario Fenech



Għandna diversi fehmiet ta' studjużi differenti dwar is-sena li matulha kienu waslu l-ewwel Patrijiet Karmelitani f'Malta. Ċertu Rokku Pirri fil-kitba tiegħu "De Notitia Melitensie" jgħid li dawn kienu waslu f'Malta fis-sena 1200. Studjużi oħrajn jgħidu li dawk kienu waslu f'Malta bejn is-sena 1370 u sena 1378.

Studjuż li huwa meqjus bħala Awtorità f'dan is-suġġett huwa Patri Mariano Ventimiglia li jgħid li l-Karmelitani kienu waslu f'Malta fis-sena 1374. Ma nstab l-ebda dokument storiku dwar dan iżda hemm biżżejjed ħjiel li dawn kienu żgur f'Malta fis-sena 1418.

Kienet saret talba mill-Werrieta tan-Nobbli Margherita d'Aragona, l-Armla tan-Nobbli Ġakbu de Pellegrino lill-Provinċjal tal-Patrijiet Karmelitani ta' Sqallija biex dan jibgħat xi Patrijiet f'Malta biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet Spiritwali tal-Erwieħ.

Din it-talba kienet saret skont ix-xewqa li kienet ħalliet fit-testment tagħha Margherita de Pellegrino ta' nhar il-5 ta' Ġunju tas-sena 1418 quddiem in-Nutar Antonio Azzopardi.

Għal dan l-għan, l-istess Testatarja ħalliet għad-dispożizzjoni ta' xi Ordni partikolari l-Knisja tal-Lunzjata fil-limiti tar-Rabat u l-Imdina f'post magħruf bħala ta' San Anard.

Din il-Knisja kienet ħadet ħsieb tibniha mill-ġdid minflok oħra li kien hemm qabel fl-istess post.



Ħalliet ukoll somma flus u xi bini ieħor sabiex din il-Komunità tkun tista' tħallas l-ispejjeż tal-bżonnijiet tal-istess Knisja.

Maż-żmien saru xi tibdiliet fl-għamla tal-Knisja u jidher li kien hemm żmien meta din saritilha faċċata ġdida u zuntier quddiemha.

Il-Knisja kienet waħda sempliċi b'altar wieħed tal-ġebel bi statwa tal-ġebel ta' San Anard fuq l-iskanell u kwadru antik tal-Madonna tal-Karmnu. Kienu l-werrieta stess tan-Nobbli Margherita Pellegrino li għażlu lill-Patrijiet Karmelitani għaliex kien hemm uħud minnhom li kienu midħla tagħhom fi Sqallija.

Il-Patrijiet aċċettaw mill-ewwel din l-istedina u wara ftit taż-żmien waslu f'Malta l-ewwel Patrijiet Karmelitani. Ma għaddiex wisq żmien biex biswit din il-Knisja tal-Lunzjata ġie mibni Kunvent żgħir li kien lest fis-sena 1418.

In-numru ta' Patrijiet beda jiżdied u dan il-Kunvent ġie mkabbar fis-sena 1546. Kienu bosta dawk in-nies li kienu jmorru jżuru din il-Knisja, fosthom kien hemm ukoll il-Gran Mastru L'Isle Adam li fis-Sagristija tal-Knisja kienet tqiegħdet irħama li tfakkru bħala benefattur tal-Knisja.

In-Nobbli Katerina Sillato li kienet devota kbira tal-Madonna tal-Karmnu fit-Testment tagħha kienet ħalliet il-ġid kollu tagħha lil din il-Knisja tal-Lunzjata mmexxija mill-Patrijiet Karmelitani. Dan it-Testment kien sar quddiem in-Nutar D. Brandano Cassar nhar it-23 ta' Jannar 1562.

Maż-żmien din l-Ordni tal-Patrijiet Karmelitani ħadmet biex tiftaħ aktar Knejjes u Kunventi fil-gżira, bl-ewwel tnejn wara dan il-Kunvent tar-Rabat ikunu dawk tal-Belt u tal-Birgu.

Kunventi oħrajn inbnew fil-Lokalitajiet oħrajn matul iż-żmien, fosthom dak tal-Fgura fejn il-Patrijiet imexxu din il-Parroċċa ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.